# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Ardian (magħruf ukoll bħala Adrian) Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Ardian (magħruf ukoll bħala Adrian) Vella** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 537695M u li ġie mixli talli fit-13 ta' Frar 2017 għall-ħabta tal-10:00 fi Pjazza San Nikola, s-Siġġiewi : -

1. ikkommetta serq sempliċi għad-dannu ta' Allan Bonello u/jew persuni oħra;
2. U aktar talli wettaq dan ir-reat waqt perjodu ta' ordni ta' probation mogħtija lilu minn din il-Qorti nhar il-21 t'Ottubru 2016.

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Marzu 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet;

Rat li l-imputat debitament assistit stqarr li kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija u wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, qieset li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Semgħet ix-xiehda ta' Rhona Custo, uffuċjal tal-probation kif ukoll dik ta' Noel Cassar, rappreżentant tal-Caritas.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis li hija ma tistax timponi piena li mhux karċerarja. L-imputat ingħata opportunita' li jipprova joħroġ mill-vizzju tal-abbuż mid-droga sintetika, iżda jirriżulta li huwa għadu

dipendenti fuqha. L-imputat għandu bżonn li jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni minn dan il-vizzju u jeħtieġ li jagħmlu b'mod residenzjali u f'kuntest kontrollat. Il-Qorti tittama li fiż-żmien li l-imputat jagħmel fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin isaħħaħ ir-rieda tiegħu li jagħmel dan il-programm għal-ġid tiegħu u ta' familtu b'mod partikolari.

# DEĊIDE :-

li wara li rat l-Artikoli 17, 284 and 285 tal-Kodiċi Kriminali, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, il-Qorti qegħdha ssib lil **Ardian (magħruf ukoll bħala Adrian) Vella**, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah:-

(1) Kwantu għas-serqa li biha ġie mixli quddiem din il-Qorti għall-perjodu ta' **tliet (3) xhur priġunerija**;

(2) Kwantu għall-ksur tal-ordni tal-probation, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

(i) qed issib lil **Ardian (magħruf ukoll bħala Adrian) Vella** ħati li wettaq id-delitt ta' serq matul il-perjodu ta' probation u għalhekk li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħtija lilu aktar il-fuq imsemmija fl-imputazzjonijiet

(ii) u għalhekk il-Qorti qegħda tittratta miegħu għall-imputazzjoni li dwarha hu kien impoġġi taħt din l-ordni ta' probation daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn

jew quddiem din il-Qorti għal dik l-imputazzjoni u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni,

(iii) tħassar l-ordni tal-probation magħmula bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta ta' nhar il-21 t' Ottubru 2016 u wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Ardian (maghruf ukoll bhala Adrian) Vella għall-piena ta' **xahrejn priġunerija.**

**B'dan ifisser li l-ammont totali ta' priġunerija mogħtija b'din is-sentenza huwa ta' ħames (5) xhur.**

**17.III.2017**

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/oħrajn